**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

**SEDUTA NUMRU 37**

IL-HAMIS 10 TA' NOVEMBRU FIl-5.30 TA' FILGĦAXIJA

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA KLJ CMLJ | SINDKU |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER |
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER |
| CLAUDINE LANZON | KUNSILLIER |
| PAUL J. PACE **Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA** | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |
| SINJ. ANTONELLA GALEA | SEN. EXEC. OFFICER |

| | | |
|---|---|---|
| DORIS VELLA | KUNSILLIER | SKUZATA |
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER | SKUZAT |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv
3. Ħatra ta' Ufficcjal Eżekuttiv
4. Aġġudikar tat-Tender tax-Xogħlijiet għall-Proġett tal-ERDF
5. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tas-Seduta 36/06 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

Hatra
Segretarju Ezekuttiv

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-interviews saru u kienu mqassmin fuq jumejn. It-Tnejn 31 ta' Ottubru 2011 u l-għada t-Tlieta 1 ta' Novembru 2011. Mill-11 l-kandidat li kellhom jattendu attendew biss 7.

ii Is-Sindku qara r-rapport maħruġ mill-Bord ta' Evalwazzjoni. Dan il-Bord kien kompost mis-Sindku Kav. Paul Farrugia, il-Viċi Sindku Frans Agius, il-Kunsillier Lawrence Bonavia, l-A/Seg. Eżek. Paul J. Pace MBA, u mis-Sinj.Antonella Galea.

iii Il-Bord b'mod unanimu jirrakomanda li s-Sur Svetlick J. Flores il-kandidat kklassifikat fl-ewwel post jintgħażel sabiex jimla' l-post vakanti għal-Seg. Eżek. Fit-tieni post ġie kklassifikat is-Sur Frans Chircop bi ftit punti differenza.

Is-Sur Paul Farrugia rrakomanda u s-Sur Keith Darmanin ssekonda li l-Kunsill jagħżel lis-Sur Svetlick Flores. Ġie ssuġġerit ukoll li jekk għal xi raġuni l-ewwel klassifikat ma jaċċettax jew ma jiġix awtomatikament jintgħazel it-tieni klassifikat jigifieri s-Sur Frans Chircop.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3 Ħatra ta' Uffiċċjal Eżekuttiv

Hatra
Ufficjal Ezekuttiv

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li d-Dipartment tana r-rilaxx sabiex nipproċedu għal din il-ħatra, imxejna skond il-proċeduri u bagħtna ninfurmaw lill-ETC kif ukoll infurmajna lill-Kunsilli kollha b'din il-vakanza permezz ta' email . Sad-data tal-għeluq applikaw żewġ persuni minn fost il-Kunsilli Lokali kollha.

ii. Is-Sindku qara r-rapport maħruġ mill-Bord ta' Evalwazzjoni. Il-Bord rrakomanda li l-aħjar kandidat sabiex jimla' dan il-post vakanti hija s-Sinjorina Maria Aquilina minn Ħal Qormi.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4 Aġġudikar tat-Tender tax-Xogħlijiet għall-Proġett tal-ERDF**

Kuntrattur
Progett Fondi ERDF

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġew sottomessi 2 tenders. Kuntrattur minnhom fl-istess tender issottometta zewg ghazliet.

Dawn kienu : 1. Road Maintenence Services Ltd
2. Mquip (2 ghazliet)

Is-Sindku qara r-Rapport maħruġ mil-Perit Dieter Falzon.

Kemm il-Bord ta' Evalwazzjoni kif ukoll il-Perit Dieter Falzon jirrakomandaw li l-izjed offerta vantaġġjuża hija dik ta' Road Maintenance Services Ltd RMS għal valur ta' € 331,163.83 (Vat inkluz u mingħajr CM fees).

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jimxi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord u tal-Perit u jagħżel l-offerta tal-Kuntrattur Road Maintenance Services Ltd.

ii L-Agent Seg. Ezekuttiv ser jibgħat jinforma lill-Kuntrattur magħżul b'din id-deċiżjoni kif ukoll lill-Kuntrattur l-ieħor.

iii Is-Sindku qal li ġie kkuntattjat mill-PPCD fejn infurmawh li CM fees ma jridux ikunu inklużi fil-kont finali. Ser tintalab dikjarazzjoni mingħand il-kuntrattur magħżul dwar dan.

**Il-Laqgħa ntemmet fit-6.00 pm.**

**Kav. Pawlu Farrugia** **KLJ CMLJ**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** **Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA**
**A/Seg. Eżek**